Iżda huwa għadu jitqabad.

Huwa għadu jipprova jiddefendi lilu nnifsu; huwa għadu jrid jara kif igħum. Huwa — dik l-imsejkna saħħa li tmur hekk maiajr — huwa qiegħed jitqabad ma' min ma jistax jintrebaħ.

* * *

Fejn jinsab il-vapur? Wisq il-bogħod. Bilkemm jidher fis-sfura mnikkta tax-xefaq.

Ir-riħ għadu qiegħed jitfa' l-buffuri tiegħu : Il-ħalel tal-baħar qegħdin igħattuh. Huwa jerfa' għajnejh 'il fuq, iżda ma jarax għajr il-kwiekeb ċassi. Huwa jisma' ħsejjes li huma għariba għal bniedem, ħsejjes li donnhom m'humiex ta' din id-dinja, iżda ta' xi saltna tal-biża'.

Fis-smewwiet hemm l-agħsafar, bħalma hemm l-anġli li huma ogħla min-niket tal-bniedem, iżda l-agħsafar x'jistgħu jagħmlu għalih? Huma jittajru, igħannu u jinżlu f'wiċċ l-ilma, fil-waqt li huwa qiegħed jaqta' nifsu.

Huwa jħoss li jinsab midfun bejn dawk iż-żewġ infiniti—l-oċejan u s-sema; wieħed huwa qabar, l-ieħor tebut.

* * *

Qiegħed jidlam. Ir-raġel ilu jgħum sigħat sħaħ; saħħtu hija tista' tgħid, mifluġa. Dak il-bastiment, dik il-ħaġa mbiegħda, fejn kien hemm in-nies, ma tidherx aktar. Huwa jinsab waħdu f'dak il-beraħ kollu; huwa qiegħed jegħreq; qiegħed jitqabad, jaħli l-ftit saħħa li baqagħlu; taħt riġlejh qiegħed iħoss dak il-waħx li ma jidhirx.

Il-għajat tiegħu ma jiswa għalxejn.

Fix-xefaq ma jidher xejn. Xejn fis-sema.

Huwa jitlob lill-oqbra koħla, lill-mewġ, lill-blat. Huwa jitlob il-ħniena tal-burraxka, iżda l-burraxka tobdi biss lill-infinit.

Ma' dwaru hemm dlam, maltemp, dlieqa, ħsejjes li jbeżżgħu, it-tlugħ u nżul tal-mewġ li ma jiqafx. Ġo fih biża' u filġa. Taħtu d-dagħbien li se jibilgħu. L-ebda mkien ta' mistrieħ. Il-kesħa qawwija qed tiċċongah. Jixtieq iqabbad ma' xi ħaġa mitluf minn sensih, iżda idejh ma jsibu xejn fil-ħafna tagħhom. Tvenvin ta' riħ, kwiekeb, mewġ—xejn ma hu ta' għajnuna għalih. X'sejjer jagħmel? L-imsejken jaqa' fid-disprament; mitluf bil-għaja, huwa jfittex il-mewt; ma jiflaħx iżjed; sa jkollu jagħti ruħu b'mirbuħ; sa jkollu jitlaq it-taqbida. Huwa jinsab nieżel fil-qiegħ waħxi għal kollox.



# Notturn

*Ta'* Ġużè Ellul Mercer

Smajtu jidħak f'nofs il-misraħ
Bla ma rajtu—kien id-dlam,
Leħnu jwassal, f'dik il-ħemda
Kont tisthajlu lsien tar-ram.

Ħriġt infittxu; xtaqt nkellmu
Nistaqsih kemm hu setgħan,
Għaliex jassar warajh dinja,
u jekk qattx kellu serħan.

Xtaqt nitqabad miegħu b'kelma,
Ridt nurih li ma nibżax,
Li jien akbar minnu f'kollox,
Li għalija ma jistax,

La jekk jilbes ġmiel id-dinja,
Lanqas jekk tad-dlamijiet
L-ikreh għata jitfa' fuqu,
Le jċaqlaqni b'dal-wirjiet.

Għandi rieda aktar kbira
Mis-setgħat tad-dlamijiet,
Għandi Ħsieb li jisboq kollox,
Jogħla iżjed mis-smewwiet.

Ħriġt infittxu, domt ma sibtu,
Iżda sibtu, għad li d-dlam,
Le ma rajtu, iżda smajtu,
Leħnu jċaqċap daqs ir-ram.

Jidħak kien u jidħak baqa'
Wara xita ta' tkasbir.
Xħin stabart u skitt ġie x'qalli :
"Tgħid id-daħk li jagħmlu kbir?"

"Kbir id-daħk, akbar mill-biki,
"Jidħol fl-għadam, jaqsam qalb,
"Jimla dinja, jdallam ħajja,
"U jinstema'... daqs it-talb!"

Baqa' jidħak f'nofs il-misraħ
Xħin ħallejtu hemm fid-dlam,
Leħnu jfaqqa', kont tisthajlu
Donnu għandu lsien tar-ram.